# Beati u Qaddisin....Ottubru

OTTUBRU 26

SAN EVARISTUS



San Evaristu ghex fit-tieni seklu. Kien minn familja lhudija li kienet tghix f'Betlem. Imma meta twieled Evaristu, il-familja kienet tghix gewwa il-Grecja. It-tifel gie mrobbi fir-religjon Lhudija. Missieru tant kien kuntent bil-kwalitajiet tajba tieghu u bl-intelligenza li kellu li baghtu biex jeduka ruhu ghand l-aqwa mghallmin.

Meta kiber Evaristus ikkonverta ghar-religjon nisranija. Hass is-sejha biex isir sacerdot u mexa' ma' dik il-vokazzjoni sakemm sar qassis. Gewwa Ruma hua qeda' l-appostolat tieghu bl-akbar reqqa. Kulhadd kien jammirah ghaz-zelu li kellu biex iressaq lil Kirstu qrib il-bniedem. Meta l-papa qatluh, Evaristus gie maghzul biex jaqdi d-dmirijiet ta' mexxejj tal-knisja. Hassu li ma kienx jisthoqqlu biex ikun papa, izda halla f'idejn Alla ghaliex kellu fidi kbira li Alla jaf aktar minnu.

Dawn iz-zminijiet il-knisja ta' Kristu kienet imhabbta mill-persekuzzjonijiet ta' l-imperaturi rumani. Ir-rumani ma kienux jarawha bi kbira biex joqtlu lil insara. Il-mexxejja ta' Ruma kienu jfittxu lill-

kapijiet tal-knisja biex jaghtuhom il-mewt ghax kienu jghidu li mnehhi r-rghaj, jinxterdu n-nghag. Evaristus kellu tant zelu ghal appostolat li in-numru ta' l-insara kien jikber kulljum. Imma fl-ahhar inqabad u nghata l-martirju. Dan sehh fis-sena 107.

Hafna drabi hajjitna tiehu svolta mhux mistennija, imma ahna nsibu l-qawwa f'Alla li jista' kollox u li jtina l-paci .